MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**DEBORAH MIFSUD ATTARD**

Seduta ta' l-14 ta' Dicembru, 2012

Talba Numru. 722/2012

**Mobisle Communications Ltd**
**C 24655**

**Vs**

**Chetcuti Mary**
**I.D. 250579M**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-Talba fl-ismijiet premessi pprezentat fl-24 ta' Ottubru, 2012 fejn is-socjeta' attrici talbet illi l-konvenut ghandha taghti lis-Socjeta' attrici s-somma ta' disa' mija u erbghin Ewro u zewgt centezmi (€940.02) in konnessjoni ma' Laptop Connect (*AC 50959458)* u jinkludi Lenovo S 10 u Bandluxe C 270, u dan skont kuntratt tal-24 t'Awwissu, 2009.

Illi s-somma ta’ disa’ mija u erbghin Ewro u zewgt centezmi (€940.02) fuq indikata hija komposta minn erba’ mija tleita u sebghin Ewro u zewgt centezmi (€473.02) dovuti in konnessjoni mas-servizz u dan skont Dokument A anness, flimkien ma’ erba’ mija u sebgha u sittin Ewro (€467) dovuti bhala penali skont Dokument B anness.

Illi interpellata diversi drabi sabiex tghaddi ghal hla, il-konvenuta baqghet inadempjenti u ghalhekk kellha issir din il-kawza kontra l-konvenuta li tibqa’ ingunta ghas-subizzjoni.

Bl-ispejjez, inkluz dawk ta’ l-ittra ufficjali 385/12 u bl-imghaxijiet mill-20 ta’ Frar, 2012 data tal-imsemmija ittra ufficjali.

Ra n-nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta’ attrici ghas-subizzjoni tal-konvenuta sabiex twiegeb ghalihom bil-gurament taghha biex b’hekk il-kreditu hawn pretiz jigi ppruvat (Artiklu 698(2) u 702 tal-Procedura Civili).

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm l-konvenuta giet debitament notifikata bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mill-Ligi u lanqas ma dehret ghas-seduta tas-7 ta’ Dicembru, 2012 u lanqas ghas-seduta ta’ llum.

Ra l-Kapitlu li gie pprezentat mis-socjeta’ attrici fis-seduta tas-7 ta’ Dicembru, 2012 u filfatt il-konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondi ghalih. In-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha titiehed bhala mistqarra.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta’ attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvat, it-Tribunal jilqa’ it-talba u jikkundanna lill-konvenuta thallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ disa’ mija u erbghin Ewro u zewgt centezmi (€940.02) bl-imghax legali mid-data tal-prezentata sad-data tal-hlas effettiv u bl-ispejjez ta’ l-ittra ufficjali numru 385/12.

Bl-ispejjez, tal-kawza ikunu a karigu tal-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------